MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CAROL PERALTA**

Seduta tad-19 ta' Lulju, 2012

Numru. 1333/2007

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**
**MAGISTRAT**
**CAROL PERALTA LL.D.**

Illum 19 ta' Lulju, 2012

**PULIZIJA**
**SPETTUR MAURICE CURMI**

**VS**

**ANTHONY (PAUL) PORTELLI**

**Il-Qorti:**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Anthony (Paul) Portelli detentur tal-karta tal-identita` numru 487670M.

**Akkuzat talli:**

Fis-16 ta` Settembru 2007 fil-monti ta` Marsaxlokk, Malta, iffalsifika jew biddel, minghajr il-kunsens tas-sid, l-ismijiet, il-marki jew sinjali distintivi tax-xoghol tal-mohh jew prodott ta` industrija, jew manifattura, jew xjentement ghamel uzu ta` sinjali, tabelli jew emblemi li jkun fihom indikazzjoni li jista` jqarraq lix-xerrej dwar ix-xorta tal-merkanzija, jew biegh tali merkanzija, jew xjentement qed fic-cirkolazzjoni, biegh jew zamm ghandu ghall-bejgh jew importa ghall-hsieb ta` kummerc, merkanzija b'marka, sinjal jew emblema imxebbhin b'qerq u cioe` numru ta` DVDs, ai termini tal-Artikolu 298 (1) tal-Kodici Kriminali, Kapitoli 9 tal-Ligijiet ta` Malta;

U aktar talli fl-istess data, lok u cirkostanzi bi qligh jew bi skop ta` kummerc, stampa, immanifattura, idduplika jew mod iehor irripproduca jew ikkolppja, jew biegh, qassam jew mod iehor offra ghall-bejgh jew biex jitqassam, xi artikolu jew xi haga ohra bi ksur tal-jeddijiet li johorgu mid-drittijiet tal-awtur li jkollha persuna ohra u protetti bil-ligi ta` Malta jew tahtha, ai termini tal-Artikolu 298 B tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta;

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta` htija, barra milli tapplika l-piena skond il-Ligi, tordna lill-imputat sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti, ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

Rat id-dokumenti;

Semghet il-provi;

Rat l-Artikoli indikati; u cioe` l-Artikoli 298 (1), 298 (2) tal-Artkolu 533 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

Illi din il-Qorti taghmel taghha l-konkluzzjonijiet peritali ta` Dr Martin Bajada fejn jikkonkludi illi is-CDs elevati huma kollha “counterfeit recording” li huma “an unauthorized copy of a copyright – protected recordings, artwork, label, Trademark or parking” – Blacks Law Dictionary.

Illi din il-Qorti semghet ix-xhieda ta` l-Ispettur Maurice Curmi illi sab dawn is-CDs esposti ghall-bejgh pubblikament.

Illi din il-Qorti ssib lill-imputat hati u ghaldaqstant tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x’jaqsmu mal-hatra tal-esperti, ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

Tordna lill-imputat ihallas il-multa ta` hames mitt ewro (€ 500) ai terminu tal-Artikolu 28H tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

Illi din il-Qorti tordna l-konfiska tas-CDs imsemmija fl-akkuza.

Il-Qorti spjegat il-portata ta` din is-sentenza lill-imputat.

DR. CAROL PERALTA, M.A (Human Rights and Democ.), LL.D.
MAGISTRAT

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------